GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 8 ta' Marzu 2022 **Ref:** DLAP 079/2022

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Xalata ta' Kitba għall-Familji dwar il-Mużew tal-Arkeoloġija

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu ser tkompli għaddejja bix-Xalati ta' Kitba, bil-Malti u bl-Ingliż, għat-tfal u l-familji tagħhom. F'dawn ix-Xalati ta' Kitba l-familji jħaddmu l-proċess tal-kitba b'mod divertenti u f'ambjent rilassanti.

Fiċ-ċirkustanzi preżenti, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, bi sħab ma' Heritage Malta, se torganizza Xalata ta' Kitba online dwar il-Mużew tal-Arkeoloġija tal-Belt Valletta. Din l-attività se tkun bl-Ingliż. Kull min hu interessat jista' japplika għas-sessjoni kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Data:** | Il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu 2022 |
| **Ħin:** | Mis-6:00 p.m. sas-7:30 p.m. |
| **Età:** | Bejn 7 u 10 snin |
| **Kif:** | Bil-Microsoft Teams |
| **Fejn tapplika:** | Applika hawn |

Dawk il-familji li jixtiequ jieħdu sehem f'din l-attività għandhom jirriservaw post billi jimlew il-formola online, skont kif muri fit-tabella t'hawn fuq, sa **mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu 2022**. Minħabba li l-postijiet huma limitati, jintgħażlu dawk l-applikanti li japplikaw l-ewwel.

Jekk tixtieq iktar informazzjoni dwar din ix-Xalata ta' Kitba tista' ċċempel 2598 2997 jew tibgħat ittra elettronika lil mwp.nla@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**